MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-6 ta' April, 2011

Talba Numru. 188/2011

**Ronald Bonsfield (ID 482949M**

**vs**

**Vincent Grima**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Frar 2011, fejn intalab li l-konvenut jigi ikkundannat jhallas lill-attur is-somma ta' disa' mija tmienja u ghoxrin (€928) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur s-somma ta' disa' mija tmienja u ghoxrin Euro (€928) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------